# ŻEWĠ BLALEN



Żewġ blalen tal-futbol! Kienu jilagħbu bihom it-tfal. Ma kellhomx omm u missier li jieħdu ħsiebhom. Kienu jgħixu ġo bitħa, bħal ta' skola. Darba, wieħed mill-blalen iddejjaq. "Kemm se ndum hekk, dejjem naqla' d-daqqiet?" Meta ż-żewġ blalen kienu fil-cupboard, qal lil sieħbu, il-ballun l-ieħor: "Xbajt naqla' daqqiet bis-sieq, jixxuttjawni 'l hemm u 'l hawn, nitħammeġ, iħabbtuni mal-ħajt ta' wara l-lasti!... Taf x'nagħmel? Inħallihom jagħtu xutt qawwi ħalli mmur fuq il-bejt ta' ħdejna, u noqgħod hemm għax-xemx."

Il-ballun l-ieħor qallu: "Aħna mhux għalhekk qegħdin? Xogħolna hu li t-tfal jiġru warajna u kif jilħquna, jagħtuna bis-sieq, u jiskurjaw, u jifirħu. Jien hawn se nibqa'. L-ieħor għaddiet ta' rasu. Xutt ta' tifel goff, qabbżu l-fence u tefgħu fuq il-bejt. Il-ballun dawwar idejh taħt rasu, bħal imħadda, u qagħad jiggosta x-xemx b'wiċċu 'l fuq.



Għall-ewwel kien komdu; ftit ġranet wara bdiet tqattar ix-xita, imbagħad ġiet ix-xemx, ma baqax ileqq għax ħadd ma naddfu, u bil-mod il-mod il-ballun beda jinżel, beda jsir ikrah, beda jimrad, niżel kollu, u miet. U l-ieħor fejn kien? F'nofs it-tfal tal-bitħa, jilagħbu ferħanin. U meta spiċċat il-logħba, tifel minnhom ġabru u għafsu miegħu. Imbagħad mar fil-kamra, u qabel poġġieh fil-cupboard, tah bewsa sabiħa.

.. U BALLUN IEĦOR

Kien hemm xi tfal jilagħbu fi grawnd żgħir, imdawwar bil-fence. Ta' min kien il-ballun, keċċa lil tifel ieħor mill-ground; ma ridux jilgħab. Dan baqa' jarahom minn wara l-fence, u anke kellu d-dmugħ. Malli l-ballun qabeż il-fence u ġie f'saqajh, ġietu idea li jagħtih xutt u jitfgħu fuq il-bejt, fil-għoli. F'moħħu ġieh ix-xutt tiegħu u l-ballun tela' lejn il-bejt. X'jagħmel? Qabad il-ballun u mar jagħtih lil dak li kien keċċieh. It-tfal ferħu bih u ħallewh jilgħab magħhom. Kulħadd kien ferħan.

